Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,797, 7 ta' Settembru, 1993
Taqsima B

A.L. 119 ta' l-1993

ATT TA' L-1988 DWAR EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1993 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts (Diplomatic Studies) — M.A. (Dip.St.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

REGOLAMENTI TA' L-1993 GĦALL-KORS LI JWASSAL GĦALL-GRAD TA' MASTER OF ARTS (DIPLOMATIC STUDIES) — M.A. (DIP.ST.)

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts (Diplomatic Studies) — M.A. (Dip.St.).

(2) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-grad ta' Master of Arts (Diplomatic Studies) — M.A. (Dip.St.);

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Arts (Diplomatic Studies) — M.A. (Dip.St.).

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti jgħoddu għall-korsijiet mibdija fl-1992 jew wara.

Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Kandidati għad-dħul fil-Kors iridu jkollhom il-grad ta' Baċillier għallinqas fit-tieni klassi bl-unuri mill-Università ta' Malta jew grad rikonoxxut mis-Senat bħala ekwivalenti tal-gradi tagħha ta' Baċillier għallinqas fit-tieni klassi bl-unuri.

(2) Kandidati li l-ewwel grad tagħhom m'huwiex fil-liġi, fl-ekonomija, fl-istorja jew fix-xjenza politika jistgħu jiddaħħlu skond ir-riżultat ta' intervista li matulha tiġi mistħarrġa l-ħila tal-kandidat li jtemm l-istudji proposti b'suċċess.

It-Tul tal-Kors

4. (1) It-tul tal-Kors għandu jkun mhux inqas minn sentejn u mhux aktar minn tliet snin akkademiċi ta' studju *full-time*.

(2) Il-kandidati jkunu meħtieġa jirreġistraw fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Ix-Xogħol tal-Kors

5. (1) Matul l-ewwel sena ta' l-istudji tagħhom, il-kandidati għandhom jattendu tmien korsijiet ta' semestru l-wieħed fl-oqsma ta' —

Liġi Internazzjonali
Ekonomija Internazzjonali
Relazzjonijiet Internazzjonali
Storja

(2) Kandidat jista' jagħżel li jistudja qasam ewlieni wieħed. Madankollu hu jrid jattendi għallinqas kors wieħed f'kull wieħed mill-oqsma l-oħra. Kandidat li m'għandu ebda għarfien akkademiku f'xi qasam imsemmi għandu jattendi kors introduttiv f'dak il-qasam matul l-ewwel semestru.

(3) Il-kandidati kollha għandhom jattendu s-seminar fuq il-metodi tar-riċerka u l-kitba. Matul it-tieni semestru ta' dan is-seminar, il-kandidati għandhom jiktbu il-proposta tat-teżi tagħhom.

Il-Valutazzjoni tax-Xogħol tal-Kors u l-Eżamijiet ta' Kull Sena

6. (1) Il-kandidati għandhom ikunu valutati kontinwament matul ix-xogħol tal-kors tagħhom u għandhom jagħmlu eżami ta' tmiem is-sena f'kull qasam ta' l-istudji. Fil-każ tal-metodi tar-riċerka u l-kitba, il-proposta tat-teżi tieħu post l-eżami.

(2) Il-valutazzjoni tax-xogħol tal-kors għandha tingħata 50 fil-mija tal-marka finali u l-eżami għandu jingħata il-50 fil-mija l-oħra.

(3) Il-marki jinfirxu minn A sa E, u A hi l-ogħla marka. Il-marka ta' min jgħaddi għandha tkun C. Kandidat li jeħel f'qasam wieħed ta' studju b'marka mhux inqas minn D jew li l-proposta tat-teżi tiegħu m'hix aċċettata, jista' jitħalla jagħmel eżami tar-riparatorju jew jerġa' jikteb il-proposta tat-teżi, skond il-każ, fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' l-eżamijiet ta' tmiem is-sena.

(4) Kandidat, li jeħel f'qasam wieħed jew fit-teżi proposta b'marka inqas minn D, jew li jeħel f'aktar minn qasam wieħed, inkluża t-teżi proposta, jew li jeħel fl-eżami tar-riparatorju jew fit-tieni kitba tal-proposta tat-teżi, ma jitħalliex jidħol fis-sena ta' l-istudji ta' wara.

(5) L-ismijiet tal-kandidati li jgħaddu għandhom ikunu ppubblikati fuq l-avviżiera ta' l-Università.

It-Teżi

7. (1) It-teżi għandha tkun ta' mhux inqas minn 25,000 u mhux aktar minn 40,000 kelma u għandha tkun dwar suggett li jaqa' fi ħdan wieħed jew aktar mill-oqsma ta' l-istudju msemmija fil-paragrafu (1) tar-regolament 5. It-teżi għandha tkun kontribut oriġinali lill-għarfien akkademiku.

(2) Wara l-approvazzjoni tal-proposta tat-teżi, il-kandidat jingħata żewġ superviżuri jew aktar, li wieħed minnhom għandu jkun membru ta' l-istaff ta' l-Akkademja.

(3) Il-kandidat għandu jagħti avviż tal-preżentazzjoni tat-teżi għallinqas tliet xhur qabel. Malli jirċievi dan l-avviż, id-Direttur ta' l-Akkademja għandu jaħtar bord ta' eżaminaturi magħmul minn dawn li ġejjin:

Id-Direttur ta' l-Akkademja bħala *chairman*
Eżaminatur barrani
Eżaminatur intern li ma kienx superviżur tal-kandidat
Superviżur lokali bħala assessur
Assessur li ma kienx superviżur tal-kandidat.

(4) Jekk id-Direttur ta' l-Akkademja kien superviżur tal-kandidat huwa għandu jaħtar membru ieħor ta' l-istaff akkademiku bħala *chairman* tal-bord ta' l-eżaminaturi.

(5) Il-kandidat għandu jissottometti tliet kopji tat-teżi li għandhom ikunu ffirmati mis-superviżur ewlieni, li b'hekk jiċċertifika li t-teżi hi xogħol tal-kandidat innifsu u taqbel mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

(6) Il-bord ta' l-eżaminaturi għandu jitlaqqa' miċ-*chairman* tiegħu biex jiddiskuti r-rapporti ta' l-eżaminatur barrani u ta' dak intern u ta' l-assessuri. Il-bord għandu wkoll jisma' lill-kandidat jiddefendi t-teżi.

(7) Il-bord ta' l-eżaminaturi jista' japprova t-teżi u, bla ħsara tal-paragrafu (1) tar-regolament li ġej wara dan, jirrakkomanda l-għoti tal-grad. Jista' jitlob lill-kandidat jagħmel xi korrezzjonijiet jew jikteb it-teżi kollha mill-ġdid fi żmien stabbilit. Jista' wkoll ma jaċċettax it-teżi għal kollox.

(8) Kandidat li t-teżi tiegħu m'hix aċċettata jew li l-korrezzjonijiet jew il-kitba tat-teżi mill-ġdid tiegħu m'humiex meqjusin tajba jew ma ġewx ippreżentati fiż-żmien meħtieġ ma jingħatax il-grad.

L-Għoti tal-Grad

8. (1) Kandidat li jgħaddi fil-valutazzjonijiet skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 6 u li t-teżi tiegħu ġiet approvata għandu jingħata l-Grad. Dan il-kandidat għandu jingħata l-Grad b'distinzjoni, bi kreditu jew mingħajr tismija speċjali.

(2) L-ismijiet tal-kandidati li ngħataw il-Grad ikunu ppubblikati fuq l-avviżiera ta' l-Università f'ordni alfabetiku, kif ukoll fl-ordni ta' merti speċjali li jkunu kisbu.